MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 135/2012

**Appell Nru: 135/2012**
**Il-Pulizija**
**Vs**
**Erin Mallia**

Illum 22 ta' Novembru, 2012

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-appellant Erin Mallia, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Akkuzat talli fit-23 ta' Lulju, 2009 f' Malta, bil-hsieb illi ghamel xi qliegh li jkun, ghen, assista, ta parir jew habbrek biex persuni ohra dahlu jew ghamlu tentattiv biex dahlu jew hargu minn Malta bi ksur tal-Ligijiet ta' Malta, jew li sew f' Malta sew barra minn Malta kkongura f' dak is-sens ma' xi persuni ohra u dan bi ksur ta' l-Artikoli 337A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. U dan meta l-ghadda ta' persuni mghejjuna u assistiti hu ta' aktar minn tlieta.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli 377A(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-29 ta' Frar, 2012 fejn wara li rat l-artikolu 337A tal-Kpitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssabet lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannatu sena prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant Erin Mallia pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-20 ta' Marzu, 2012 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirrevoka is-sentenza appellat u minflok tilliberah minn kull htija u piena u okkorrendo ikun il-kaz, subordinament tipprovdi ghall-piena aktar mita u idonea.
Fliet l-atti kollha processwali.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat, esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.
Illi l-aggravji tal-appellant u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi hija il-fehma umli tal-appellant li l-Ewwel Qorti ma setghatx ragonevolment issib htija fil-konfront tal-appellant u dan ghar-ragunijiet li ser jigu hawn esposti;
Illi l-appellant umilment jissttometti illi huwa konsapevoli mill-fatt li, kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissotstitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta t'apprezzament tal-fatti;
Illi madanakollu, huwa wkoll palezi li l-Qorti tal-Appell ghandha s-setgha li taghmel ezami approfondit tal-istess fatti biex tara jekk il-konkluzjoni lit kun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor il-Qorti tal-Appell ghandha s-setgha tara jekk il-konkluzjoni li waslet ghaliha l-Ewwel Qorti kienitx wahda *'safe and satisfactory'* fid-dawl tar-rizultanzi;
Illi ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet 'Pulizija vs Giovanni sive John Micallef' deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali hekk kif diversament preseduta nhar it-18 ta' Marzu, 2010, fejn il-Qorti rriteniet illi jekk: *'din il-Qorti tasal ghal-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghal-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida,*

*jekk mhux addirittura mpellanti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni'*

Illi f' dan ir-rigward, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-appellant jemmen li l-Ewwel Qorti ma setghet qatt sabet htija ghall-akkuzi addebitati lilu b'mod li ragonevolment jista` jitqies bhala *'a safe and satisfactory conclusion'*.

Illi jibda biex jinghad, illi l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati kellha quddiemha zewg verzjonijiet kunfliggenti ghall-ahhar ta' kif graw l-avvenimenti li waslu ghal dan il-kaz. Dan tistqarru l-Qorti stess fejn fil-konsiderazzjonijiet taghha tghid car u tond illi '*fil-verita` hemm xi inkonsistenzi anki fil-verzjoni moghtija mix-xhieda tal-prosekuzzjoni'*;

Illi fil-fatt, din l-istqarrija tal-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha, hija l-bazi tal-appell odjern u dana stante illi l-appellant qed jikkontendi, illi l-provi li ressqet il-prosekuzzjoni, mhux talli ma jipprovawx lil hin minn kull dubju dettat mir-raguni li huwa fil-fatt hati tar-reat li gie akkuzat bih, izda sahansitra, jqanqlu dubbji kbar dwar kif verament graw l-affarjiet u konsegwentament dwar l-istess sejbien ta' htija tal-appellant.

Illi l-appellant hekk kif wasal lura Malta mill-inkarigu tieghu fi Sqallija irrilaxxa stqarrija datata l-25 ta' Gunju, 2009, liema stqarrija tinsab esebita fil-process a fol 21. Din l-istqarrija, li inghatat minghajr l-ebda assistenza legali qabel ma ttiehdet, hija l-verzjoni tal-appellant, fl-istqarrija tieghu, ghall-verzjoni tal-appellant fil-Qorti, ma nbidel assolutament xejn. Dan ifisser illi l-appellant kien konsistenti fil-verzjoni teighu tal-fatti mill-bidu sal-ahhar, haga li zgur ma tistax tigi attribwita lix-xhieda tal-prosekuzjoni;

Illi m'huwiex fatt kontestat, illi fit-trailer tal-appellant instabu disa` persuni li kienu qed jipprovaw jaharbu minn Malta. Dawn id-disa` persuni gew ritornati lura Malta u kienu ghad-dispozizzjoni tal-prosekuzjoni sabiex jixhdu. Madanakollu, il-prosekuzjoni flok tellghathom jixhdu kollha, ghazlet li jixhdu biss tlieta minnhom. X' gara mis-sitta l-ohra hadd ma jaf;

Illi, li hu zgur hu li, meta wiehed iqis illi t-tlieta li xehdu, kollha taw verzjoni tal-fatti li m'hijiex uniformi, anzi wiehed jazzjarda jghid, inkonsistenti ghall-ahhar, wiehed jista`

jimmagina x’kien ser johrog mix-xhieda taghhom,. Kieku xehdu d-disgha li huma;
Illi inoltre, ghalkemm id-difiza irriservat id-dritt li taghmel kontroezami tat-tlett xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni, dawn lanqas biss setghu jigu rintraccjati u d-difiza ghalhekk ma setghetx tistaqsi mistoqsijiet in kontro ezami, kif fuq kollox kellha kull dritt taghmel;
Illi fuq kollox, fis-sustanza, l-mod kif xehdu l-ewwel zewg xhieda kien rudimentali ghall-ahhar u l-unika haga li harget cara mix-xhieda kollha, hija li dawn ix-xhieda ma kienux jifhmu kwazi xejn bl-ingliz u fil-fatt l-Ewwel Qorti kellha diffikulta` kbira biex tifhem dak li fil-fatt qalu dawn ix-xhieda.
Illi din id-diffikulta ta’ komunikazzjoni qeghdha tigi senjalata’, mhux biex jintefa xi dawl ikrah fuq dak li gie riprodott fil-process, izda sabiex dak li qalu x-xhieda, jigi mpoggi fil-perspettiva gusta ta’ x’kienu ic-cirkostanzi li jiccikrondaw dan il-kaz, cirkostanzi difficli hafna fejn il-partijiet bil-kemm setghu jifhmu x’qed jghidu dawn in-nies.
Illi l-appellant jibda biex jirreferi ghax-xhieda ta’ Mohammed Iakub bin Iakub, nazzjonal tal-Kosta tal-Ivorju, liema xhiedat tinsab a fol 26 tal-process;
Illi dan ix-xhud jghid is-segwenti: *‘.. kont qieghed il-Marsa qed nfittex xi xoghol meta gie persuna fuqi, staqsieni jiena nixtieqx insiefer, ghidtlu iva, pero` ma kellix passaport. Din il-persuna qaltli li mhux problema. Ftehmna fuq il-flus u dina qaltli li rrid inhallas tmien mija u hamsin ewro. Accettajt. L-appuntament kien ghal tlett ijiem wara f’post vicin tal-Marsa. Jiena mort hemmhek, tajtu l-flus u dhalna fil-container’.*
Illi mistoqsi mill-Qorti jekk kienx qed jaghraf lill-persuna li ltaqghet mieghu u offrietlu biex imur barra, ix-xhud qal li iva u f’dak l-istadju ipponta lejn l-appellant prezenti fl-awla.
Illi f’dan l-istadju l-appellant jirreferi ghad-dokument ezebit mix-xhud David Gauci a fol 72 tal-process, liema document juri bic-car illi tlett ijiem qabel l-akkadut u cioe fil-jum li dan ix-xhud identifika bhala dak il-jum li fih iltaqa` mal-appellant il-Marsa u ghaddielu l-flus (cioe` l-20 ta’ Lulju, 2009 – Trip No: 17504), l-appellant fil-fatt kien barra mill-pajjiz fuq xoghol;
Illi dan juri bic-car li fil-fatt, kien fizikament impossibli ghall-appellant li jiltaqa` max-xhud Mohammed Iakub bin Iakub

fil-gurnata identifikata mid-xhud stess u dan peress li kien imsiefer fuq xoghol ma' Fahrenheit;
Illi f' dan l-istadju ssir referenza ghax-xhieda ta' Kamen Bakari bin Manadu, nazzjonal tal-Mali, li tinsab a fol 59 tal-process.
Illi dan ix-xhud, li xehed bl-ghajnuna ta' interpretu, jghid illi 'the defendant is the person who drove the truck and I gave the money to another man. I did not know this man to whom I gave the money from before, but my friends told me he is trustworthy so I gave him the money';
Illi hawnhekk l-appellant jaghmel referenza ghad-diversi dokumenti ezebiti mill-prosekuzjoni fir-rigward tal-identification parade li ghamlet il-Pulizija lit-tlett xhieda li kienu fit-trailer dak inhar tal-kaz (a fol 34 sa 37 u fol 64 sa 65). It-tlieta li huma, tal-inqas skond l-ispettur Hersey, konvenjentement identifikaw lill-appellant mhux bhala id-driver izda bhala il-persuna li hadet il-flus;
Illi hawnhekk wiehed jista` jara l-kontradizzjoni kbira li tohrog mill-provi tal-prosekuzjoni stess. Ix-xhud Karmen Bakari fix-xhieda teighu, jghdi illi fil-fatt huwa qed jagharaf lill-appellant bhala d-driver u li fil-fatt il-flus hadithom persuna ohra;
Illi fl-istess nies, il-prosekuzzjoni esebiet a fol 64 u 65, zewg dokuemnti ffirmati mix-xhud waqt l-identification parade,m fejn l-istess Bakari, allegatament, gharaf lill-appellant bhala l-persuna li rceviet il-flus, haga li ma jistax ikun ghax dan il-fatt gie eskluz mix-xhud stess fid-depozizzjoni tieghu.
Illi hawnhekk, l-appellant jistaqsi: X'identifikaw fil-fatt dawn it-tlett xhieda? Lid-driver li saq it-trukk, jew lil dik il-persuna li hadet il-flus?
Illi l-appellant jemmen li din ir-rispost tohrog car hafna minn dak li xehed Karmen Bakari. Fil-fatt dawn it-tlett xhieda identifikaw lid-driver. U dan jaghmel hafna sens. Lid-driver u cioe` lill-appellant, dawn ix-xhieda kellhom kull opportunita` li jarawh fit-tul u jiftakru l-fattizzi t' wiccu, peress li qattghu hafna hin fil-prossimita` ta' xulxin fil-catamaran meta dawn instabu mill-ufficjali mohbijin fit-trailer. Jaghmel hafna sens illi dawn ix-xhieda, hasbu waqt l-identification parade li kienu qed jidentifikaw id-driver u mhux lil dik il-persuna li organizzat kollox, hallsuha u li

probabbli raw ghal ftit minuti biss u bil-kemm setghu jirrikonoxxuha;
Illi l-ezistenza ta’ terz li ha hsieb il-gbir tal-flus jikkonfermah Karmen Bukari stess fid-depozizzjoni tieghu.
Illi Bukari jkompli illi l-appellant ma kienx jaf illi huma qeghdin fit-truck ghax fil-hin li dahlu huwa kien il-boghod. Testwalment jghid illi ‘*no he did not know’*;
Illi dan ix-xhud jibqa` jsostni illi fil-fatt, hu, flimkien ma shabu dahlu fit-trailer ghal habta tal-4am. Fuq dan il-punt ix-xhud kien car u dan il-hin ikkonfermah kemm il-darba fix-xhieda teighu. Pero`, dak li qal ix-xhud iqanqal mistoqsija importanti. Jekk wiehed ihares lejn id-dokumenti esebiti a fol 88 tal-process, wiehed isib illi fil-fatt, l-appellant dahal fil-bitha biex jiehu t-truck ghal-habta tal-05:38am. Jigifieri il-fuq minn siegha wara li l-klandestini fil-fatt telghu fit-trailer;
Illi sfortunatament (jew forsi Konvejnetament ghal xi haddiehro) ic-CCTV tal-bitha fejn kien jinsab it-truck ma’ kienx qieghed jahdem dakihar. Dan jikkonfermah bil-gurament David Gauci li huwa l-Financial Controller ta’ Fahrenheit fix-xhieda tieghu li tinsab traskritta a fol 82 tal-process fejn jghid illi c-CCTV dak ionhar ma kienx qed jahdem;
Illi inoltre, l-istess David Gauci, f’depozizzjoni ohra a fol 68 tal-process, jghid illi x-xufiera ma ‘*jkunux jafu illi ser ikunu Sqallija jekk mhux nofs ta’ nhar qabel illi fil-fatt imorru*’. Iktar tard ikompli jghid li ‘*kien hemm okkazzjonijiet fejn anke avzajnihom fit-tmienja ta’ filghaxija’.*
Illi hawnhekk johorgu bic-car tlett fatti importnati hafna: (1) L-appellant ha l-pussess tat-truck fil-5:38am ta’ filghodu filwaqt li l-klandestini dahlu fit-trailer fl-4am jew qabel (2) L-aktar kmieni li l-appellant sar jaf illi sejjer Sqallija kien nofs ta’ nhar qabel il-vjagg (3) Ic-CCTV tal-bitha fejn hemm l-ingenji ma kienx qed jahdem;
Illi l-appellant jirrileva illi dawn it-tlett fatti huma rilevanti hafna flimkien u jistghu jaghtu stampa ta’ kif probbabilment graw l-affarjiet kif ser jigi spjegat:
(a) Fl-ewwel lok, l-appellant jemmen, li probbabilment, il-klandestini dahlu fit-trailer kmieni filghodu ghal habta tal-4am. Dan ghaliex, ma kienx ikun prattiku illi din il-bicca xoghol issir wara l-5am, metq t-triq li jiehdu dawn ix-xufiera tkun mimlija xufiera ohra li jkunu qed jivjaggaw

mill-istess akwati biex jilhqu l-catamaran jew xi vapur iehor. Dan ifisser li meta l-appellant mar il-bitha biex jiehu l-pussess tat-truck u t-trailer, huw probabbli li l-klandestini kienu diga` qeghdin fit-trailer u dan wara li xi hadd hareg bit-truck u t-trailer qabel l-erbgha ta' filghodu u ghabbihom hemmhekk. Dakinhar fl-4am l-appellant kien rieqed id-dar mat-tfajla tieghu;

(b) Fit-tieni lok, l-appellant ma setgha qatt ikun jaf illi ser jaghmel dan il-vjagg aktar kmieni min-nofs ta' nahar ta' qabel il-vjagg innifsu. Dan huwa kkonfermat mid-dirigenti tal-Fahrenheit. Allura, ragjonevolment, l-appellant ma setgha qatt jippjana u jiftihem mal-klandestini, tlett ijiem qabel l-akkadut, sabiex tlett ijiem wara jkunu il-Marsa fl-4am sabiex jghabbihom u jehodhom Sqallija. L-appellant jissottometti illi tkun taghmel ferm aktar sens l-ipotezi, illi kien xi hadd li jaf l-iskedi ta' xoghol ta' Fahrenheit li seta jaghmel tali pjan bil-quddiem u mhux l-appellant. Inoltre, jaghmel sens ukoll, illi gialadarba l-klandestini kienu qed jigu mghobbija fit-trailer qabel id-driver jidhol ghax-xoghol, ma kienitx taghmel differenza min fil-fatt kien ser isuq it-truck u t-trailer u dan ghaliex id-driver probabbli ma kienx jaf li fit-trailer kien hemm in-nies.

(c) Fit-tielet lok, ic-CCTV tal-bitha fejn hem mil-vetturi ma kienx qed jahdem dakinhar. Din tista` tkun kumbinazzjoni jew kif jghidu l-Inglizi 'godsend'. Certament, l-appellant ma kellu l-ebda kontroll fuq jekk din ic-CCTV tahdimx jew le. Pero`, jaghmel sens, ragonevolment, billi bitha bhal dik, mimlija ingenji, f'post imwarrab, ma tkunx qed tigi protetta mic-CCTV? Jaghmel sens illi, l-uniku mod kif l-appellant setgha jipprova li ma kienx hu li dahhal il-klandestini fit-trailer, izda fil-fatt kien hemm xi hadd iehor li kmieni filghodu haret it-truck u t-trailer qablu u mar gabar lill-klandestini mill-Marsa ma kienitx qed tahdem dakinhar?

Illi f'dan l-istadju, l-appellant ikollu bilfors jirreferi ghall konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti li jaghtu dawl il-ghala, fil-fehma taghha, l-appellant huwa hat ital-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Illi l-Ewwel Qorti tis-sentenza taghha tghid illi *'ma tistax tinjora l-fatt li tlett xhieda.. identifikaw lill-imputat bhala il-*

*persuna li dakinhar huma raw hdejn it-truck u li dak inhar anke thallas minn wiehed minnhom’*;

Illi bir-rispett kollu dovut, l-appellant jissottometti illi meta tiehu x-xhieda tat-tlett persuni li kienu fit-trailer, f’daqqa, u mhux wahda izolata mill-ohra, mal-ewwel tinduna li l-verzjoni li jaghtu dawn it-tlett xhied hija balbuljata mimlija tahwid, inkonsistenzi u li ma tistax lanqas bl-aktar mod fertili tigi kkonsidrata bhala xhieda kredibbli;

Illi dawn ix-xhieda, la qablu fuq il gurnata meta sar il-ftehim, la qablu fuq il-hin li dahlu fit-trailer u lanqas fuq lil min hallsu l-flus. Qablu fuq haga wahda biss. L-identita` tax-xufier u cioe` l-appellant. U hawn l-appellant jistaqsi: Huwa ragionevoli li dawn in-nies jidentifikaw lix-xufier tat-trailer b’mod facli ghall-ahhar, tenut kont li dawn kellhom kwazi siegha cans jarawh fuq il-catamaran meta dawn inhargu mit-trailer? U r-risposta hija iva. U hawnhekk hija id-differenza tal-interpretazzjoni tal-fatti bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza. Johrog bic-car, partikolarment mix-xhieda ta’ Karmen Bukari, li forsi kienet l-aktar xhieda koerenti u komprensibbli mix-xhieda l-ohra kollha, li Bukari, fl-identification parade gharaf lix-xufier u mhux lil persuna li thallset. Bukari jghid ukoll li x-xufier ma kienx jaf li huma qeghdin fit-trailer. Huwa vera lid an imur kontra dak li qllu l-ewwel zewg xhieda. Imma, fic-cirkostanzi, min huwa l-aktar kredibbli? Liema verzjoni taghmel l-aktar sens? L-appellant jemmen li dak li qed jghid Bukari huwa certament verzjoni aktar kredibbli u eqreb tal-verita`;

Illi l-ewwel Qorti tkompli tghi illi ‘*fattur iehor li fil-fehma tal-Qorti ghandu jinghata certu piz huwa l-fatt li l-imputat m’ghamel l-ebda telefonata fuq il-mobile phone provdut lilu minn Fahrenheit’;*

Illi bir-rispett kollu dovut, l-appellant ma jistax jifhem kif il-fatt li ma uzax il-mobile phone biex jinforma lil Fahrenheit bl-akkadut, setgha, anki bl-aktar immaginazzjoni fertili, jkun indikazzjoni tal-htija tieghu o meno!

Illi fil-fatt, l-appellant tant kien ixxukkjat hekk kif hargu l-klandestini mit-trailer tieghu, illi huwa bilkemm felah jitlellem u talab lil Simon Haber li kien xufier mieghu, sabiex jinforma lil Fahrenheit huwa bl-akkadut. L-appellant jemmen lidan il-fatt, fil-verita’ ghandu jimmilta favor tieghu u mhux kontra peress li l-appellant tant kien mahsud illi ma kellux il-fakulta` li jagixxi b’mod razzjonali u kalm, izda

minflok talab lil siehbu biex jghinu u jaghmel din it-telefonata, li n-nuqqas taghha, skond l-Ewwel Qorti, tikkonferma l-htija teighu!
Illi minghajr ma taf, l-Ewwel Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha ghamlet analizi korretta ta' kif setghu graw l-affarjiet. Dan ghaliex, jekk fil-fatt, quddiem Sammy's Bar, l-appellant waqaf biss ghal ftit sekondi, fatt li hwa ikkorraborat minn Simon Haber, li kien prezenti mal-appellant meta dan waqaf jixtri mill-imsemmi bar u wihed mill-klandestini stess, mela allura, kif tghid l-Ewwel Qorti stess *'bilfors gara li dawn id-disa` persuni dahlu fit-trailer qabel ma l-imputat ha l-pussess tieghu fil-yard ta' Fahrenheit';*
Illi din it-teorija, l-Ewwel Qorti skansata, u dan minkejja l-fatt li hija kkonfermata minn Karmen Bukari li kien fit-trailer u minkejja li din it-teorija tinkorpora kif probbabilment graw l-affarjiet.
Illi l-appellant jemmen li tenut kont ta' dawn l-inkonsistenzi kollha, l-Ewwel Qorti ma setghet qatt, safely satisfactory, ssibu hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu. Il-prosekuzzjoni ghandha l-oneru li tipprova l-akkuza taghha lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. L-appellant jemmen li f'dan il-kaz il-prosekuzzjoni m'hux biss ma ppruvatx l-akkuzi taghha sal-grad mehtieg tac-certezza morali, izda lanqas biss lahqet il-grad tal-probabbli;
Illi ghaldaqstant it-teorija tal-prosekuzjoni hija mimlija inkonsistenzi u toqob li jwasslu ghal-dubbju li ghandu jimmilta` favor l-appellant.
Illi finalment u minghajr pregudizzju, ghalkemm, l-artikolu 337A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jeskludi l-applikazzjoni tal-Artikolu 21 u 28A tal-istess Kaptiolu, l-appellant jissottometti illi huwa qatt ma kellu x'jaqsam xejn mal-gustizzja, ghandu fedina penali nadifa u huwa ragel tal-familja, jrabbi tifel ghadu zghir u li certament m'huwiex it-tip ta' persuna li ser jipperikola l-familja tieghu billi jkollu x'jaqsam ma kaz bhal dan, li f'kaz ta' htija jwassal, tassattivament ghal habs effettiv.
Illi ghaldaqstant, fuq l-istess linja, l-appellant jissottometti illi l-Artikolu 337A tal-Kap 9 f'kaz ta' htija jimponi piena ta' prigunerija minn sitt xhur sa hames snin jew multa. F'dan ir-rigward, l-appellant, filwaqt li ghadu jsostni l-innocenza assoluta tieghu u minghajr pregudizzju jissottometti illi

tentu tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u l-antecedenti penali tieghu, kien jimmeritah illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti tkun eqreb tal-minimu impost mil-Ligi.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-appellant huwa impjegat mal-kumpanija *Fahrenheit* bhala driver tat-trakkijiet. Nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Lulju tal-elfejn u disgha (2009) kien imissu xoghol Sqallija fejn mar bit-trailer permezz tal-catamaran. Ipparkja t-trailer fil-garaxx tal-catamaran u tela’ fil-parti ta’ fuq. Xi kwarta wara illi l-catamaran telaq minn Malta, l-appellant gie msejjah mill-ufficcjali tal-vapur sabiex jinzel fil-garaxx peress illi kienu qed jinstemghu xi hsejjes u nnutaw caqliq fit-trailer tieghu. L-appellant innota li kompartament fit-trailer li, jew jinzamm vojt jew jitpoggew xi pellets vojta fih, kien jidher zgassat fis-sens li kien mifqugh ‘il barra. Infetah dan il-kompartament u minnu hargu disa’ (9) persuni ta’ nazzjonalitajiet differenti. Meta waslu Sqallija dawn id-disa’ persuni ntbaghtu lura Malta. L-appellant gie interrogat mill-awtoritajiet Taljani, però wara thalla jaghmel il-vjagg illi kellu jaghmel fi Sqallija. L-appellant irritorna Malta dakinhar stess filghaxija. Mal-wasla tieghu gie arrestat u eventwalment tressaq il-Qorti b’dawn l-akkuzi.

L-appellant mhuwiex qed jikkontesta illi kien hemm dawn id-disa’ persuni fil-kompartament tat-trailer li kien qed isuq hu, però jikkontendi li ma kellu x’jaqsam xejn maghhom, anzi jghid li hu ma kienx jaf illi qieghdin f’dak il-kompartament u sar jaf bihom biss meta sejhulu l-ufficcjali tal-catamaran u nfetah il-kompartament.

B’sentenza moghtija fid-disgha u ghoxrin (29) ta’ Frar tal-elfejn u tnax (2012) (fol 194), il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal sena prigunerija.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u interpona appell minnha il ghaliex dherlu illi s-sentenza ma kinitx “safe and satisfactory”. Argumenta li l-Qorti stess tghid illi kien hemm inkonsistenza fix-xhieda tal-

Prosekuzzjoni, liema inkonsistenza kellha timmilita favur l-appellant u mhux kontra tieghu, aktar u aktar meta tqis illi l-istqarrija tal-appellant baqghet dejjem l-istess tul id-drabi illi ta x-xhieda tieghu. Mhux l-istess jista' jinghad ghax-xhieda tal-Prosekuzzjoni. Gab bhala ezempju x-xhieda ta' Mohamed Lacoup (fol 26) fejn intqal li l-appuntament mal-persuna illi kellu jiehdu barra minn Malta kien tlett (3) ijiem qabel f'post vicin il-Marsa. Dan l-appuntament sar, thallsu l-flus, dahlu fil-container fejn b'kollox kien hemm disa' (9) persuni. Hu gharaf lill-appellant bhala l-persuna li ltaqa' mieghu u offrielu biex johorgu minn Malta.

Mentri skont il-prospett esebit minn David Gauci (fol 72), ir-rapprezentanza tal- *Fahrenheit,* id-ditta illi maghha kien jahdem l-appellant, dan tal-ahhar ma kienx Malta. Xhud iehor, Bakari, jghid illi l-appellant saq it-trakk, izda l-flus tahom lil haddiehor. L-appellant staqsa il ghaliex telghu jixhdu biss tlett (3) persuni minn disgha (9), u ma jafx x'sar minnhom l-ohrajn. It-trailer hareg mill-bitha tad-ditta *Fahrenheit* fil-5.38a.m., mentri Bakari jghid illi tela' fuq it-trailer fil-4.00a.m. Minbarra l-prospett esebit, David Gauci, xehed illi d-driver ikun jaf l-assignment tieghu tnax-il siegha qabel. U hawnhekk argumenta l-appellant kif seta' jkun jaf illi kien ser ikun hu d-driver meta tlett ijiem qabel ma kienx Malta.

Dana kollu jindika illi ma jistax ikun illi kien hemm ftehim bejn dawn id-disa' persuni u l-appellant u l-asserzjoni tieghu illi ma kienx jaf illi kien hemm in-nies fit-trailer qabel ma gibditlu l-attenzjoni xi ufficcjal tal-catamaran ghandha titwemmen. Ghal dak li jirrigwarda l-piena l-Qorti kienet severa wisq mal-appellant meta tqis illi kien hemm mimimu ta' sitt (6) xhur.

Ikkunsidrat:

Wara li l-Qorti rat is-sentenza kif ukoll il-provi prodotti, issib illi fil-fatt kien hemm inkonsistenzi fuq iz-zewg nahat, inkluz il-verzjoni moghtija mill-appellant li nbidlet xi erba' darbiet. Din il-Qorti ma tiskanta xejn illi l-persuni illi kienu fit-trailer ma setghux jaqblu bejniethom dwar hinijiet partikolari peress illi hadd minnhom ma kellu arlogg.

Kienu jafu biss illi hallsu tmien mija u hamsin ewro (€850) biex johorgu minn Malta. Waqt l-ID parade, tnejn minnhom qalu illi taw il-flus lill-appellant. It-tielet wiehed identifika lill-appellant bhala x-xufier (fol 59). Ghalhekk ma hemmx inkonsistenza bejn dawn it-tlett xhieda.

L-ewwel Qorti kienet ben konxja mill-inkonsistenzi fil-verzjonijiet moghtija mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni (fol 197), kif ukoll fil-verzjoni moghtija minn Simon Haber, kollega tal-appellant. U sabet ukoll konflitt bejn il-verzjoni moghtija mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni min-naha u l-verzjoni moghtija mill-appellant u x-xhieda mressqa minnu min-naha l-ohra. Dina hija sitwazzjoni li l-Qrati taghna jigu infaccati biha kuljum peress illi huwa ovvju illi kulhadd jigbed ghan-naha tieghu biex jipprova jiskredita lin-naha l-ohra. Però, l-ewwel Qorti tajjeb ikkonkludiet illi f'cirkostanzi bhal dawn mhux kull konflitt ghandu necessarjament iwassal ghal-liberatorja.

Kif qalet il-kawza Il-Pulizija versus Joseph Thorn, Appell Kriminali, 9 ta' Lulju 2003, "... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevaluwa l-provi skont il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghall-konkluzjoni dwar min trid temmen u fhiex ser temmnu jew ma temmnux." Ara ukoll "Ir-Repubblika ta' Malta vs Dennis Pandolfino et," 19 ta' Ottubru 2006.

Din il-Qorti ghamlet proprju dan l-ezercizzju, u b'zieda ma' dan, waslet ghall-konkluzjoni illi ma setghetx tinjora l-fatt illi tlett (3) xhieda – Mohamed Jokum, Buhaka Hulibali, u Kamen Bakari – identifikaw lill-appellant bhala l-persuna illi dakinhar huma raw hdejn it-trakk u li dakinhar anke thallas minn wiehed minnhom. Fattur iehor li fil-fhema tal-ewwel Qorti tat certa piz huwa l-fatt illi fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju tal-elfejn u disgha (2009) meta l-appellant kien qed jigi interrogat mill-pulizija wara illi gew skoperti n-nies fit-trailer tieghu, l-appellant ma ghamel l-ebda telefonata mill-mobile phone tieghu provdut mill-kumpanija lill-istess kumpanija sabiex jgharrafhom b'dak illi kien

qieghed jigri. Però ghazel illi jiffaccja din is-sitwazzjoni mal-awtoritajiet Taljani wahdu !

L-ewwel Qorti ikkummentat fuq dan il-fatt li ratha stramba kif,  kieku verament dawn in-nies ma kienx jaf bihom u sab ruhu f'din is-sitwazzjoni, jara kif jaghmel kuntatt ma' *Fahrenheit* biex jghidilhom b'dak illi kien qieghed jigri. Izda minn dan kollu ma ghamel xejn. Fl-ahhar mill-ahhar, il-Qorti wara li evalwat il-provi kollha illi kellha quddiemha, deherilha illi kienet konvinta illi l-imputat kien jaf illi fit-trakk illi kien qed isuq  kien hemm dawk id-disa' persuni.

Din il-Qorti ma jidhrilhiex illi ghandha tiddisturba d-deskrizzjoni tal-ewwel Qorti jekk mill-provi prodotti l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha.

Fil-kawza "Repubblika ta' Malta versus Ivan Gatt", Appell Kriminali, 1 ta' Dicembru 1994, il-Qorti qalet: "Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun ibbazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anke jekk ikun hemm verzjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vulnerat il-principju li d-dubbju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali verzjoni setghet tigi emmnuta, u evidentement giet emmnuta ... il-funzjoni, anzi, id-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-deskrizzjoni u dak l-apprezzament."

Ghalhekk, kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li ghamel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika u l-buon sens u bbazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anke jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzjoni possibbli.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena, il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrizzjoni tal-ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u

ma jkun hemm xejn x'jindika illi kellha tkun anqas minn dak illi tkun fil-fatt. ("Repubblika vs David Vella", 14 ta' Gunju 1999).

Irrizulta illi l-piena inflitta tidhol fil-parametri tal-ligi u ma hemm xejn x'jindika illi kellha tkun anqas minn dak moghtija mill-Magistrat. Ghalhekk mhux il-kaz illi tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------